**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 977/2018MH**

**Suzanne Mifsud (K.I. Nru 0576763 M)**

**vs**

**Edgar Mifsud (K.I. Nru 0402463 M)**

**Illum, 13 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Inbizzjoni datat 14 ta' Ġunju, 2018 fejn ir-rikorrenti Suzanne Mifsud talbet il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra żewġha Edgar Mifsud għar-raġunijiet hemm premessi, senjatament illi dana ta' l-aħħar jiġi miżmum milli arbitrarjament jneħħiha minn direttur tal-kumpanja Citypro Limited.

Qieset li r-rikorrenti sabet diversi diffikultajiet biex tgħaddi għan-notifika ta' żewġha l-intimat u li sa fl-aħħar wasslet għal dan tramite il-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni kif ikkontemplata fl-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat għalhekk l-istess artikolu u l-pubblikazzjonijiet esebiti u kkunsidrat li nonostante t-trapass tat-terminu miżmum fl-artikolu imsemmi l-intimat baqa' inadempjenti fir-risposta tiegħu. Mhux talli hekk iżda, tqies li hemm ukoll rikors ieħor pendenti fl-atti ta' l-istess mandat li jimplika u jallega illi l-intimat injora għal kollox id-digriet provissorju ta' din il-Qorti[1] u għadda biex jipproċedi bil-laqgħa straordinarja[2] kif jidher mill-minuti annesssa ma' l-istess rikors.

**Ikkonsidrat**

Illi t-talba prinċipali ċioe dik ta' inibizzjoni hija waħda mibnija fuq l-artikolu 873 et. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-qari ta' l-istess artikolu imsemmi u kif inhu tenut fil-ġurisprudenza nostrana, l-Qorti tista' u għandha teżamina biss il-vertenza mressqa fuq bażi biss ta' *prima faċie*, għalhekk ir-rikorrenti trid turi li għandha dan id-dritt, jedd, sa grad ta' *prima facie*, liema jedd se jiġi irremedjabilment ikkalpestat dejjem sal-grad imsemmi.

Bla dubju ta' xejn mad-daqqa t'għajn ir-rikorrenti issib suċċess fit-talba tagħha aktar u aktar imsaħħaħ dan meta il-Qorti rat il-minuti tal-laqgħa straordinarja esebiti tas-soċjeta' Citypro Limited u l-attitudni ta' żewgha lejn id-digriet ta' din il-Qorti. Tqies lir-rikorrenti bħala direttur ma kellhiex kif allegat tiġi eskluża bil-mod mistur u xejn ċar minn hekk, dejjem fuq bażi ta' *prima facie* u konsegwentement għandha jedd x'tipproteġi.

[1] Datat 14/06/2018 folio 20
[2] Hemm kopja tal-minuti f'dan is-sens annessa.

**Konsegwentement tilqa' t-talba u tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub fir-rikors promotur dejjem a spejjeż ta' l-intimat.**

**Tordna ukoll n-notifika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**